## 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 45

IT-TLIETA 3 TA' MEJJU 2016 FIL-4.15 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| LOUISE CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIERI |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku u G Muscat, talbu biex tittranġa il-minuta f'punt numru 5 dwar il-*green wardens*. Id-data trid tiġi 'It-Tnejn bejn l-4.30am u 9.30am, l-inħawi tal-*Gala* u Triq Testaferrata.'

Is-Sindku qal li Punt 2, għandu jiġi eżatt qabel Punt 4, fejn inżidu ukoll sentenza li tgħid: 'Is-Sindku jilqa lil Louise Cachia Castelletti fil-Kunsill Lokali u jawguralha ħidma sfieqa għal ġid tal-lokalita.' Tiżdied sentenza oħra li tgħid ukoll 'Is-Sindku qal li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss nitkellmu u niddeċiedu dwar it-tender tal-bankini u *patching*.'
Il-minuti ġew approvati u iffirmati.

## 2. Skeda tal-Pagamenti.

Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni.

L-iskeda ġiet approvata u iffirmata.

## 3. Dekasteri.

Is-Sindku qal li tkellem mal-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti fuq x'tixtieq tgħamel bħala responsabbilta fil-Kunsill.

Intlaħaq qbil mill-Kunsill illi l-rwoli tal-Kunsilliera Cachia Castelletti ikunu:
a) Rwol ta' koordinament mal-Ambaxxati
b) Transport Malta

## 4. Ġieħ Ta' Xbiex.

Il-Kunsill stabilixxa id-data tal-10 ta' Ġunju bħala Jum Ta' Xbiex.

Ġie innutat illi l-attivita' ta' Ġieħ Ta' Xbiex trid tibda qabel il-logħba tal-futbol tal-Ingliżi tal-Euro2016.

Irridu ukoll nibdew inqassmu il-karti tan-nominazzjonijiet. In-nomini jgħalqu Il-Ġimgħa 20 ta' Mejju 2016.

Il-Kunsill kien ukoll fi qbil li tiżdied regola dwar l-għoti ta' dan il-Ġieħ fejn il-Kunsill iżomm id-dritt li jinnomina persuni li ma jiġux nominati, u jgħatihom tifkira ta' apprezzament.

Xorta waħda, iżda, dawn il-persuni ikunu jistgħu jingħataw l-Ġieħ fi snin oħra jekk dejjem jiġu nominati mill-publiku.

## 5. Festa Rizzi.

Is-Sindku qal ħa jkellem lid-direttorat tas-sajd, peress li dawn għandhom xi trakk għall-eżibizzjonijiet u tgħarif edukattiv.

Il-programm ta' attivitajiet ġie mqassam hekk kif gej:
11 ta' Ġunju - Festa Rizzi
12 ta' Ġunju - Quddiesa

Is-Sur Alfred ta' 2 *Minds events* ġie mistieden fil-laqgħa sabiex jiddiskuti il-pjanijiet għal din is-sena.

L-ispejjes fuq il-Kunsill ġew ikkalkulati li ser ikunu ta' madwar Eur4300.

Il-Kunsill ma kienx feliċi b'din is-somma u għandu jiddiskuti kif din tista torħos.

## 6. *Connecting Through Culture*.

Il-Kunsill iddeċieda li d-dati għal din l-attivita' għandhom ikunu it-23 u 24 ta' Lulju 2016. Għandhom isiru laqgħat mal-Ambaxxati u mal-President ta' Malta bħala bidu għal preparamenti ta' din l-attivita'.

## 7. Dwal Dekorattiv ix-Xatt.

Is-Sindku propona li mill-*Whitehall Mansions* sal-*Black Pearl* isir fustun fuq is siġar.

Għandhom jinġiebu stimi għal dan, qabel issir deċiżjoni mill-Kunsill.

## 8. Korsijiet Edukattivi.

Is-Sindku ħeġġeġ lil G Muscat jorganiżża xi korsijiet jew laqgħat għal żmien is-sajf.

G Muscat qal li ser jiprova jorganiżża korsijiet mar-*Red Cross* u *Civil Protection*.

## 9. Rikjesta għal għajnuna għal-manutenzjoni fi Triq ix-Xatt.

Is-Sindku qal li ħa jikteb ittra lill-*Works Department* fejn issir lista ta' affarijiet li fuqhom hemm bżonn manutenzjoni fi Triq ix-Xatt.

## 10. Dwal fuq il-Bajja.

Is-Sindku qal nistgħux naraw jekk min fuq il-gradi ta' fuq il-*pontoons* nixgħelu il-bajja. Propona li nsibu mod kif isiru *floodlights* għal fuq il-bajja/blat.

## 11. *Public Toilets* għas-sajf.

Il-Kunsill qabel li nneħħu il-*container* tat-*toilets*.

Ħa nkellmu lil tal-kiosk tal-marina biex jgħamel wieħed hu ħdejn il-gabbana tiegħu.

## 12. Panelli fuq il-bjut tal-*Housing Estat*es.

Is-Sindku qal li wara investigazzjoni li saret, jidher li l-pannelli qed joħorguna *break even*.

Is-Sindku semma opportunita fejn konsortju tal-GRTU jistallaw pannelli fuq xi bjut tal-*Housing Estates*, iħallsu l-ispiża kapitali huma, u huma, ta' dan, jieħdu is-*surplus* ta' dawl ġenerat fuqhom. Imma hemm problema, is-saqaf huwa zgħir wisq biex jakkomoda in-numru ta' pannelli li hemm bzonn.Għalkemm din xorta waħda tista ssir, jekk jirranġa li jgħamel struttura biex jgħatti il-bejt kollhu.

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta, sakemm ma joħrogx spejjes ta' natura kapitali.

Il-Kunsill irid jikkowordina mal-*Housing Authority* u *MEPA* dwar din il-proposta.

## 13. Tender tal-Bankini.

Il-Kunsill qabel li t-tender ta' tiswijiet fuq bankini u toroq jingħata lill-LK Ltd, u dan peress illi din l-kumpanija offriet l-irħas prezzijiet.

## 14. Materji mressqa mill-kunsilliera.

G Muscat - Triq l-Ambaxxati issir tabella *SLOW*

F Roe - Triq Testaferrata titneħħa Un/Loading u tinżel aktar l-isfel, fejn La Maltese.

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 9.00pm

IFFIRMATA

Max Zammit
Sindku

IFFIRMATA

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv